MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 1021/2002

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**Tabone Computer Centre Ltd., Joseph Tabone f'ismu proprju u l-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali**

**Il-Qorti;**

Rat ic-ċitazzjoni ppreżentata fl-10 ta' Settembru 2002 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi l-konvenut Joseph Tabone u s-soċjeta' konvenuta Tabone Computer Centre Ltd jew min minnhom ġew mogħtija privattiva taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali (Kap. 29) li tirrigwarda '2$^{nd}$ Level Clearing System Machine (2L)', skond iċ-ċertifikat (Warrant) numru 1287 (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. A) maħruġ favur "Joseph Tabone, Tabone Computer

Centre Ltd.”, u dan wara li kienet saret talba ossija applikazzjoni fil-11 ta’ Settembru 1997 (kopja tal-applikazzjoni annessa u mmarkata bħala Dok. B) akkompanjata mill-speċifikazzjoni kompluta (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. C);

Illi n-natura tal-invenzjoni jew skoperta li għaliha ġiet miksuba l-imsemmija privattiva tirrigwarda kunċett, allegatament ikkrejat mill-konvenuti, konsistenti f’xogħol intermedjarju magħmul mis-‘$2^{nd}$ Level Clearing System Machine (2L)’ bejn dawk l-entitajiet illi l-konvenuti jsejħu fl-imsemmija speċifikazzjoni bħala ‘Shop’ u ‘Clearing Agency’ u dan dejjem fil-kamp ta’ ħlas ta’ pagamenti illi jsiru bejn dawk l-entitajiet illi l-konvenuti Tabone u Tabone Computer Centre Ltd. jsejħu fl-imsemmija speċifikazzjoni bħala ‘Customer’ u l-istess ‘Shop’;

Illi l-invenzjoni jew skoperta li għaliha ġiet miksuba l-imsemmija privattiva ma kienetx gdida skond kif rikjest mill-Kap. 29 fuq imsemmi;

Illi *inoltre*, l-invenzjoni jew skoperta li għaliha ġiet miksuba l-imsemmija privattiva hija dwar proġett u / jew kombinazzjoni ta’ kreditu jew ta’ finanza li skond l-artikolu erbgħa (4) tal-istess Kap. 29 ma jagħtux jedd għall-privattiva;

Illi *inoltre*, id-deskrizzjoni mdaħħla mat-talba ossija applikazzjoni għal privattiva in kwistjoni ma hijiex biżżejjed jew taħbi jew tħalli barra xi indikazzjoni meħtieġa biex l-invenzjoni jew skoperta mogħtija l-privattiva jkun jista’ jsir użu minnha;

Illi konsegwentement, l-imsemmija privattiva hija null u mingħajr effett skond il-paragrafu (a) u / jew il-paragrafu (b) u / jew il-paragrafu (d) tal-Artikolu 44 tal-istess Kap. 29;

Illi skond l-Artikolu 62(4) tal-Att dwar il-Privattivi Industrijali (Kap. 417 tal-Liġijiet ta’ Malta), li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2002, permezz tal-Avviz Legali Nru. 116 ta’ l-2002, jiddisponi illi meta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta’

privattiva tkun ġiet ippreżentata qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap. 417, kull reġistrazzjoni ta' privattiva mogħtija skond u b'mod konformi ma' dik l-applikazzjoni għandha, minkejja kull provvediment ieħor tal-Kap. 417, tkun soġġetta li titqies bħala nulla jew li għandha tiġi annullata biss skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V tat-Taqsima I tal-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali (Kap. 29) kif kienet fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ tal-Kap. 417;

Jgħidu l-konvenuti, jew min minnhom, għaliex din l-Onorabbli Qorti, in vista tal-premess, m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi li l-invenzjoni jew skoperta mertu tal-privattiva numru 1287 ma kienetx ġdida *ai termini* tal-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali (Kap. 29);

2. Tiddikjara illi l-privattiva numru 1287 hija dwar proġett u / jew kombinazzjoni ta' kreditu jew ta' finanza li skond l-istess Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali (Kap. 29) ma jagħtux jedd għall-privattiva;

3. Tiddikjara illi d-deskrizzjoni mdaħħla mat-talba ossija applikazzjoni għall-imsemmija privattiva numru 1287 ma hijiex biżżejjed jew taħbi jew tħalli barra xi ndikazzjoni meħtieġa biex l-invenzjoni jew skoperta mogħtija l-privattiva jkun jista' jsir użu minnha;

4. Tiddikjara, konsegwentement, a bażi tal-ewwel talba u / jew tat-tieni talba u / jew tat-tielet talba illi l-imsemmija privattiva mogħtija taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali (Kap. 29) li tirrigwarda '2nd Level Clearing System Machine (2L)', skond iċ-ċertifikat *(Warrant)* numru 1287 (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. A) maħruġ favur "Joseph Tabone, Tabone Computer Centre Ltd." hija nulla u mingħajr effett skond il-liġi;

5. Tordna lill-konvenuta Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali li jirreġistra il-parti diżpożittiva tal-eventwali sentenza li tiddikjara n-nullita' tal-privattiva fuq imsemmija fir-reġistru opportun u jagħmel dan kollu rikjest minnu mill-

Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta’ Industrijali (Kap. 29) u / jew mill-Att Dwar il-Privattivi Industrijali (Kap. 417 tal-Liġijiet ta’ Malta) in konnessjoni mal-imsemmija dikjarazzjoni ta’ nullita’ tal-privattiva.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa qegħdin (u fil-każ tas-soċjeta’ konvenuta din tapplika għar-rappreżentanti tal-istess soċjeta’) jiġu nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta Tabone Computer Centre Limited u Joseph Tabone f’ismu proprju, ppreżentata fil-15 ta’ Novembru 2002, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi t-talbiet attriċi, in kwantu li jolqtu deċiżjoni amministrattiva, u ċioe’ il-ħruġ tal-privattiva mertu tal-kawża, huma preskritti bid-dekors ta’ sitt xhur *ai termini* tal-Artikolu 469A tal-Kodiċi Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili.

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma preskritti bid-dekors ta’ ħames snin.

3. Illi fi kwalsiasi każ l-attur għandu juri li għandu l-interess meħtieġ mill-liġi biex jipproponi din il-kawża;

4. Bla preġudizzju għas-suespost u *inoltre* li l-invenzjoni li għaliha ġiet mogħtija il-privattiva mertu ta’ din il-kawża kienet fil-fatt skoperta ġdida u kienet tikkostitwixxi nvenzjoni li għaliha setgħet tinħareġ privattiva skond il-Kap. 29 tal-Liġijiet ta’ Malta; *inoltre* l-applikazzjoni li abbażi tagħha inħarġet il-privattiva kellha d-dettalji kollha meħtieġa mill-liġi.

5. Bla preġudizzju għas-suespost u *inoltre* li l-privattiva mertu ta’ din il-kawża hi valida u effettiva għall-finijiet kollha tal-liġi.

6. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana, ppreżentata fl-14 ta' Novembru 2002, li permezz tagħha espona bir-rispett:

1. Illi l-preżenza tal-esponent hija meħtieġa biss għall-integrita' tal-ġudizzju, u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba attriċi salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi.

2. Illi l-esponent m' għandux ibati spejjeż.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar 2010 li minnu jirriżulta l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż wara li s-soċjeta' attriċi rrinunzjat għat-talbiet fil-meritu peress li l-privattiva in kwistjoni skadielha t-terminu;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ingħad il-Qorti se tippronunzja sentenza biss dwar il-kap tal-ispejjeż peress li sfortunatament ma ftehmux dwar dan. Dan ġara peress illi fil-mori tal-kawża, l-istess privattiva ġiet fi tmiemha bit-trapass taż-żmien.

Mill-provi illi nġabru, jidher ċar fil-fehma tal-Qorti illi l-bank attur kien ġustifikat fl-azzjoni li għamel. Jidher ċar in fatti

mid-depożizzjoni ta’ Anthony Vassallo (fol. 36) illi s-soċjeta’ konvenuta ma vvintat ebda sistema ġdida iżda mxiet fuq dak provdut lilha mill-bank preċedentement.

It-termini preskrittivi ndikati mis-soċjeta’ konvenuta ma jirriżultawx pruvati; ċertament din m’hijiex azzjoni li tidħol taħt l-ambitu tal-Art. 469A tal-Kap. 12 għaliex il-miżura li qed tiġi attakkata hija att maħruġ skond il-liġi in kwistjoni u żgur mhux azzjoni purament amministrattiva. L-istess soċjeta’ konvenuta ma ndikatx għal liema preskrizzjoni ta’ ħames qed tirreferi u għalhekk il-Qorti ma tistax tidħol fil-mertu ta’ dik l-eċċezzjoni.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-vertenza rimanenti billi tordna l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjeta’ konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------